MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 412/2012

**Av. Philip Manduca bhala mandatarju specjali tas-socjeta PUMA AG Rudolf Dassler Sport**

**vs**

**Dr. Anthony Cutajar u P.L. Jean Pierre Busuttil gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil Pelikan Agency LGJ b'digriet tas-16 ta' Mejju 2012 u**

**gie kjamat in kawza Shaban Hurdha Tregu b'digriet tat-18 ta' Gunju 2012 u**

**Dr. Simon Micallef Stafrace u P.L. Victor Bugeja gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lil kjamat in kawza Shaban Hurdha Tregu b'digriet tat-2 ta' Ottubru 2012**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tal-24 ta' April 2012 li jghid hekk:
Illi s-socjeta attrici hija proprjetarja tal-marka "PUMA" registrat f'Malta bin-numru 13091 u tal-marka "Cat" registrat f'Malta bin-numru 13092;

Illi dan l-ahhar il-konvenut ikkontravvjena t-trademark in kwistjoni billi uza sinjal identiku mat-trademark ghar-rigward ta' oggett li huwa identici ma' dawk li dwarhom it-trademark tas-socjeta attrici giet registrata u dan billi gab f'Malta kwantita ta' zraben ta' "PUMA" liema oggetti mhumiex modelli tas-socjeta attrici u ghandhom "clear cut infringements of PUMA trademarks" inkluz "wrong size label", "wrong hang tag", "no size toungue label", u "no security label", u "wrong plastic foil packaging".

Illi ghalhekk il-konvenut ikkaguna danni lis-socjeta attrici;

Illi ghalhekk hemm lok li jsir il-qerda tal-oggetti fil-pussess u/jew spaccjati u/jew prodotti u/jew importati f'Malta mill-konvenut bil-marka proprjeta tas-socjeta attrici u dan kif provdut fl-artikolu 15 tal-Att dwar it-Trademarks u l-att tmienja tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta (EC 1383/2003);

Ghaldaqstant jitlob lil Qorti biex:

1. Tiddikjara li l-konvenut ikkontravvjena t-trademark jew trademarks proprjeta tas-socjeta attrici u l-Att tmienja (8) tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk ikkaguna danni lis-socjeta attrici;

2. Tordna l-qerda tal-oggetti spaccjati u/jew prodotti u/jew migjuba f'Malta fil-container TGHU8296909 mill-konvenut bit-trademark/s tas-socjeta attrici;

Bl-ispejjez presentati kontestwalment kontra l-konvenut li hu ingunt ghas-subizzjoni. B'riserva ghal azzjoni ta' danni;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti;

Rat il-verbal tat-18 ta' Gunju 2012 fejn gie kjamat in kawza Shaban Hurdha Tregu;

Rat id-digrieti tas-16 ta' Mejju 2012 u tat-2 ta' Ottubru 2012 fejn gew nominati l-kuraturi deputati indikati sabiex jidhru ghall-intimati;

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati ta' Dr. Anthony Cutajar et tal-15 ta' Gunju 2012 fejn ecceppew:
1. Illi t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta Pelikan Agency LGJ ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici billi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li minn dak li gie riferut lill-esponenti minn rappresentant tas-socjeta intimata, is-socjeta intimata agixxiet biss bhala forwarder tal-merkanzija u kwindi mhijiex responsabbli ghan-natura tal-merkanzija in kwistjoni.

2. Illi s-sid tal-merkanzija in kwistjoni huwa Shaban Hurdha Tregu ta' cam 1001 Tirane Albania u li ghandu cellulari bin-numru +355 682081200 u ghalhekk kwalunkwe azzjoni rigward il-merkanzija in kwistjoni ghandha tigi diretta lejh.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati ta' Dr. Simon Micallef Stafrace et tat-23 ta' Ottubru 2012 fejn ecceppew:
Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Salv risposta ulterjuri.

Rat li s-socjeta attrici cediet il-kawza fil-konfront ta' Pelikan Agency LGJ kif rapprezentata mill-kuraturi deputati Dr. Anthony Cutajar et permezz ta' nota datata 20 ta' Novembru 2012;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett d'ostakolo.

**Ikkunsidrat**

Illi s-socjeta attrici hija proprjetarja tal-marki 'PUMA' u 'Cat' u dan kif jirrizulta mill-att promotorju ta' din il-kawza u wkoll mir-registrazzjoni ta' trademarks bin-numri 13091 u 13092.

Illi fil-fatt jirrizulta mix-xhieda ta' George Agius, Ufficjal tal-Kontrollur tad-Dwana (Dok. GA fol. 46) li taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana issospenda r-rilaxx tal-container numru TGHU8296909 kontenenti fost ohrajn oggetti konsistenti f'elf mitejn u tmenin (1,280) par zraben sportivi u waslu fil-port hieles ta' Malta (Malta Freeport) waqt il-kors ta' procedura ta' trasbord (transhipment). L-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta intellettwali.

Illi l-istess kontejner kien wasal Malta fuq il-vapur CMA CGM FAUST fis-17 ta' April 2012 u nfetah, u l-oggetti nzammu mill-Ufficjali tad-Dwana fid-19 ta' April 2011 fuq suspett li kienu foloz, u fil-fatt minn ezamijiet li saru gie kkonfermat li tali oggetti kienu fil-fatt kontrafatti u li kienu destinati lil intimati cioe affidavit ta' Neil Narriman, rapprezentant tas-socjeta attrici datat 23 ta' April 2012 (Dok. C fol. 6).

Illi minn dan kollu jidher li l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati u dan permezz tax-xhieda u dokumenti kollha esebiti u fil-fatt lanqas biss hemm ebda kontestazzjoni u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha bil-mod hawn indikat u tali oggetti ghandhom jigu distrutti a spejjez tal-istess konvenuti, liema spejjez huma wkoll indikati fl-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana datat 25 ta' Gunju 2012.

Il-kawza gie ceduta fil-konfront tas-socjeta Pelikan Agecy LGJ u dan wara li giet ipprezentata dikjarazzjoni minn Genc Mataj, General Administrator tas-socjeta Pelikan

fejn hu ddikjara li s-socjeta hi biss forwarding agent u illi l-importatur tal-merkanzija kien l-kjamat in causa li f'idejh ghandu l-bill of lading originali. Huma gew mgharrfa li l-konsenja destinata lil kjamat in causa giet mizmuma f'Malta u s-socjeta avzatu b'dan il-fatt.

Ghalhekk hi l-fehma tal-Qorti, billi ma gietx prodotta xiehda kuntrarja mill-kjamat in causa illi hu responsabbli ghall-ispejjez ta' din il-procedura u d-danni konsegwenzjali.

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati, u

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'elf mitejn u tmenin (1,280) par zraben sportivi par zraben sportivi u jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-container numru TGHU8296909 kien fih l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici stante li falsifikati;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi dawn l-oggetti mertu ta' din il-kawza, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-kjamat in causa u a spejjez tieghu;

3. Tordna lil kjamat in causa Shaban Hurdha Tregu jhallas l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati, inkluzi dawk tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-oggetti in kwistjoni, kif elenkati kollha fl-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana George Agius (Dok. GA fol. 46);

Bl-ispejjez kontra l-kjamat in causa Shaban Hurdha Tregu b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------